

Brussell, 15 ta' April 2019
(OR. en)

8609/19

AGRI 222
FORETS 18
ENV 431
PROCIV 30
JUR 197
DEVGEN 84
RELEX 397
UD 122
PROBA 15
FAO 14

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	15 ta' April 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7709/19	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-progress dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti u dwar qafas strateġiku ġdid għall-foresti - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (15 ta' April 2019)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, adottati mill-Kunsill Agrikoltura u Sajd li sar fil-15 ta' April 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Progress fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti u dwar qafas strateġiku ġdid għall-foresti

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

I. Kunsiderazzjonijiet ġenerali u kisbiet ewlenin

1. JENFASIZZA l-importanza tal-foresti u tas-settur ibbażat fuq il-foresti biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), għall-għajxien u l-benessri rurali, periurban u urban, it-tkabbir u l-impjiegi, il-konservazzjoni tan-natura u tal-bijodiversità, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għaliha, il-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni, il-provvista ta' servizzi ewlenin tal-ekosistema lis-soċjetà Ewropea u t-transizzjoni meħtieġa għal bijoekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju;
2. ITENNI li, għalkemm l-Unjoni Ewropea (UE) għandha diversi politiki relatati mal-foresti, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ma jagħmel l-ebda referenza għal politika forestali komuni tal-UE, u li r-responsabilità għall-foresti taqa' f'idejn l-Istati Membri u JENFASIZZA li d-deċiżjonijiet u l-politiki kollha relatati mal-foresti fl-UE għandhom jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-kompetenza tal-Istati Membri f'dan il-qasam;
3. JENFASIZZA r-rilevanza tal-kontribut tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti biex jiġu indirizzati t-tliet dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli billi tiġi promossa l-Ġestjoni Sostenibbli tal-Foresti (SFM);
4. JENFASIZZA l-importanza tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti bħala qafas ta' referenza ewlieni biex jiġu ffaċilitati l-koerenza u l-koordinazzjoni tal-politiki tal-UE u tal-Istati Membri li jolqtu l-foresti u s-settur ibbażat fuq il-foresti, u JENFASIZZA r-rwol tagħha li tinkoraġġixxi lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni Ewropea u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jikkondividu l-esperjenzi, jikkooperaw sabiex jindirizzaw aħjar it-theddid u jibbenefikaw mill-opportunitajiet, jarmonizzaw it-terminoloġija, u jidentifikaw it-tendenzi relatati mal-foresti sabiex jimmaniġġjaw il-foresti fl-UE skont il-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti kif żviluppati minn Forest Europe, applikati mill-Istati Membri u appoġġjati mill-UE;

5. JILQA' r-Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti u l-fatt li l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti qiegħda fit-triq it-tajba biex tilħaq l-oġġettivi tagħha tal-2020¹ u JIRRIKONOXXI li sar progress fir-rigward tal-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet inklużi fil-Pjan ta' Implimentazzjoni Pluriennali dwar il-Foresti (Forest MAP);
6. JIRRIKONOXXI li, għal xi Stati Membri tal-UE, l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti kienet ukoll għodda ta' gwida għat-tħejjija tal-istrateġiji, il-politiki u l-azzjonijiet nazzjonali għall-foresti tagħhom u JINKORAĠĠIXXI Stati Membri oħra biex jikkunsidrawha wkoll;
7. JIRRIKONOXXI li bosta politiki tal-UE għandhom effett fuq il-foresti u s-settur ibbażat fuq il-foresti u JISSOTTOLINJA li l-politiki kkonċernati jeħtieġu koordinazzjoni transsettorjali aktar b'saħħitha u komunikazzjoni fil-livelli kollha;
8. JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tal-Kumitat Forestrarju Permanenti², li diġà huwa rikonoxxut fl-Istrateġija tal-UE għall-Foresti bħala l-forum ewlieni għal kooperazzjoni mill-qrib u aktar kostanti taħt il-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti, għad-diskussjoni tal-kwistjonijiet kollha relatati mal-foresti, biex isiru sforzi għall-konsistenza u l-koerenza ta' politiki relatati mal-foresti, il-kondiviżjoni tal-esperjenzi u l-għarfien fost l-Istati Membri, u l-għoti ta' opinjonijiet, pariri u għarfien espert lill-Kummissjoni dwar id-diversi politiki u inizjattivi rilevanti għall-foresti u s-settur ibbażat fuq il-foresti;

II. Prijoritajiet għall-2019-2020

9. JINNOTA li filwaqt li sar progress, hemm bżonn ta' sforzi addizzjonali biex jintlaħqu fi żmien xieraq l-oġġettivi tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti, u għalhekk JISTIEDEN lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati biex fis-sentejn li fadal jiffukaw fuq:
 - a. l-użu sħiħ tal-għodod finanzjarji kollha, b'mod partikolari l-miżuri tal-forestrija għall-iżvilupp rurali skont il-Politika Agrikola Komuni u l-għajnuna mill-Istat;

¹ Strateġija tal-UE għall-Foresti/l-oġġettivi għall-foresti sal-2020 – Li jiġi żgurat u muri li l-foresti fl-UE huma ġestiti skont il-prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti u li l-kontribuzzjoni tal-UE għall-promozzjoni ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti u għat-tnaqqis ta' deforestazzjoni fuq livell globali hija msaħħa, u b'hekk - tikkontribwixxi għal bilanċ ta' funzjonijiet diversi tal-foresti, l-ilħuq tad-domandi u l-provvediment ta' servizzi vitali tal-ekosistemi; - tipprovdi bażi biex il-forestrija u l-katina tal-valur bbażata fuq il-foresti kollha kemm hi jkunu kontributuri kompetittivi u vijabbli għall-ekonomija b'bażi bijoloġika."

² Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE.

- b. aktar kontribut għall-integrazzjoni b'mod koerenti tal-oġettivi tal-UE għall-bijodiversità inkluż fil-kuntest tal-*Pjan ta' Azzjoni: għan-natura, għaċ-ċittadini u għall-ekonomija*, u l-evalwazzjoni ppjanata tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020;
 - c. aktar tisħiħ ta' inizjattivi mmexxija mill-Istati Membri bħan-netwerk Ewropew "INTEGRATE"³ li jippromwovi aktar integrazzjoni tal-konservazzjoni tan-natura fil-ġestjoni sostenibbli tal-foresti;
 - d. it-tkomplija tat-trawwim tal-pilastru tal-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni tal-Istrateġija bħala qafas biex jibbilanċja l-interessi komuni, il-kompetenzi forestali nazzjonali u l-politika tal-UE permezz tal-involviment attiv u f'waqtu tal-Kumitat Forestrarju Permanenti biex jissaħħaħ l-għoti ta' pariri u għarfien espert u tiġi żgurata l-konsistenza u l-koerenza tal-politiki tal-UE rilevanti għall-foresti;
 - e. it-tisħiħ tal-komunikazzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar il-valur u l-importanza tal-foresti u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti billi jiġu indirizzati l-isfidi soċjetali u ambjentali ewlenin bħala kontribut għall-implimentazzjoni integrata tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli;
 - f. it-tkomplija tal-inkoraġġiment biex jintuża inġam minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli, bħala materja prima li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent għal skopijiet multipli;
 - g. il-promozzjoni tar-rwol ewlieni tal-foresti skont il-Ftehim ta' Pariġi;
10. JINNOTA l-ħtieġa ta' ħidma kollaborattiva, qsim ta' riċerka u għarfien dwar prattiki ta' ġestjoni tal-foresti biex jissaħħu l-prevenzjoni u l-ġestjoni biex jiġi indirizzat it-theddidd dejjem jikber għall-foresti kkawżat minn pesti, avvenimenti estremi (pereżempju nirien fil-foresti, maltempati, għargħar, nixfiet, eċċ.) u t-tibdil fil-klima fuq perijodu ta' żmien twil;
 11. JIDENTIFIKA bħala elementi addizzjonali li jistgħu jibbenefikaw minn aktar ħidma kollaborattiva, qsim ta' riċerka u għarfien fuq bażijiet ta' data u statistika relatati mal-foresti, metodoloġiji għal pagamenti għal servizzi tal-ekosistemi tal-foresti u l-kontribut tal-foresti lis-soċjetà permezz tal-ippjanar tal-użu tal-art, inkluż ir-rwol tagħhom f'żoni urbani u periurbani;
 12. JISTIEDEN lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta Komunikazzjoni ambizzjuża dwar it-titjib tal-azzjoni tal-UE kontra d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, billi tibni fuq l-istudju speċifiku tal-fattibilità⁴;

³ <https://informar.eu/european-network-integrate>

⁴ http://ec.europa.eu/environment/forests/pdf/feasibility_study_deforestation_kh0418199enn_main_report.pdf

III. Lil hinn mill-2020

13. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa għal strateġija ġdida tal-UE għall-foresti biex tkompli ssaħħa l-konsistenza u l-koerenza tal-politiki tal-UE relatati mal-foresti wara l-2020, u l-ħtieġa li jkomplu jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki u tissaħħa l-komunikazzjoni, filwaqt li titqies l-importanza dejjem tikber tal-foresti u tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti;
14. JIRRIKONOXXI wkoll l-importanza ta' aktar promozzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti f'kuntesti multilaterali u bilaterali u l-implimentazzjoni integrata tal-Pjan Strateġiku tan-NU dwar il-Foresti, l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-SDGs tagħha, il-Ftehim ta' Pariġi, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u strumenti globali oħra, u l-ħtieġa għal involviment attiv fid-djalogu internazzjonali dwar il-politika relatata mal-foresti;
15. JENFASIZZA l-valur ta' aktar bini fuq il-prinċipji tal-proċess, ir-riżoluzzjonijiet ministerjali u d-deċiżjonijiet dwar il-proċess tal-Foresti fl-Ewropa (Forest Europe), kif ukoll il-ħidma tagħha dwar id-definizzjoni, il-monitoraġġ u r-rappurtar dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u li jitqiesu l-iżvilupp u r-riżultati eventwali tan-negozjati dwar Ftehim Legalment Vinkolanti dwar il-Foresti fl-Ewropa taħt is-sistema tan-NU;
16. JENFASIZZA l-importanza li jkompli jiġi pprovdut qafas għall-Istati Membri biex jiġu stabbiliti inizjattivi u netwerks għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni, filwaqt li jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-esperjenzi kif ukoll l-iżvilupp tal-aħjar prattiki tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti.
17. JENFASIZZA l-ħtieġa għad-disponibbiltà kontinwa tal-finanzjament filwaqt li jitnaqqas il-piż amministrattiv sabiex jiġu promossi aktar il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u r-rwol multifunzjonali tal-foresti bħala l-prinċipji ta' gwida, inkluż, fejn rilevanti, permezz ta' soluzzjonijiet ta' tisgħir u dawk ibbażati fuq l-ekosistema biex jiġu indirizzati d-domandi dejjem akbar tas-soċjetà u r-riskji li dejjem jiżdiedu għall-foresti u r-riżorsi tal-foresti u biex titrawwem il-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-protezzjoni tal-ħamrija u tal-ilma.
18. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-foresti u tas-settur ibbażat fuq il-foresti biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ulterjuri tal-bijoekonomija fl-UE, isaħħu l-kompetittività u jipprovdu opportunitajiet ta' xogħol, speċjalment f'żoni rurali;
19. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu promossi aktar ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji fil-foresti u s-settur ibbażat fuq il-foresti u li jissaħħu l-ħiliet permezz tal-edukazzjoni akkademika u vokazzjonali;

20. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tibda tirrifletti dwar l-opzjonijiet għal strateġija ġdida tal-UE għall-foresti wara l-2020, filwaqt li tikkunsidra l-elementi kollha ta' dawn il-konklużjonijiet u l-ħtieġa għal approċċ aktar integrat biex ikomplu jiġu indirizzati l-opportunitajiet u l-isfidi ambjentali, filwaqt li tikkunsidra wkoll l-iżviluppi tal-politika rilevanti fil-livelli tal-Istati Membri, tal-UE u dak internazzjonali;;
 21. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa ta' konsultazzjonijiet bikrin mal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati ewlenin kif ukoll tal-involviment tagħhom.
-